ISSN 1977-074X

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 305

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

**Volum 56**

**15 ta' Novembru 2013**

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1146/2013 tal-5 ta' Novembru 2013 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Cebolla Fuentes de Ebro (DPO)]** ........ 1

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1147/2013 tal-14 ta' Novembru 2013 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1121/2009 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 rigward tal-iskema ta' pagament uniku skont l-erja għall-bdiewa f'Ċipru** ........ 3

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1148/2013 tal-14 ta' Novembru 2013 li jħassar ir-reġistrazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Wernesgrüner Bier (IĠP)]** ........ 5

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1149/2013 tal-14 ta' Novembru 2013 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Rillettes de Tours (IĠP)]** ........ 7

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1150/2013 tal-14 ta' Novembru 2013 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva żejt tal-kolza** [1] ........ 13

**Prezz: EUR 3**

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

**MT**

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1151/2013 tal-14 ta' Novembru 2013 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ........ 16

DEĊIŻJONIJIET

2013/656/PESK:

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà EUCAP Sahel Niger/2/2013 tat-12 ta' Novembru 2013 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger)** ........ 18

2013/657/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Novembru 2013 rigward ċerti miżuri ta' salvagwardja b'rabta mal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja ħafna tas-sottotip H5N1 li għandhom jiġu applikati fil-każ ta' tifqigħa ta' din il-marda fl-Isvizzera u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2009/494/KE** *(notifikata bid-dokument C(2013) 7505)* ([1]) ........ 19

2013/658/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Novembru 2013 dwar ir-rifjut ta' talba għar-reġistrazzjoni fir-reġistru tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti prevvist fir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Pomazánkové máslo (STG)]** *(notifikata bid-dokument C(2013) 7615)* ........ 22

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1146/2013

### tal-5 ta' Novembru 2013

### li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Cebolla Fuentes de Ebro (DPO)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, ([1]), u partikolarment l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 ħassar u ssostitwixxa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ([2]).

(2) Skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, l-applikazzjoni ta' Spanja biex id-denominazzjoni "Cebolla Fuentes de Ebro" tiddaħħal fir-reġistru ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]).

(3) Ma ġiet innotifikata l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru°510/2006, id-denominazzjoni "Cebolla Fuentes de Ebro" għandha għalhekk tiġi rreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament hija rreġistrata.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Novembru 2013.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Dacian CIOLOȘ
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
([3]) ĠU C 375, 5.12.2012, p. 18.

*ANNESS*

Prodotti agrikoli maħsuba għall-konsum uman elenkati fl-Anness I tat-Trattat:

**Klassi 1.6. Frott, ħaxix u ċereali, friski jew ipproċessati**

SPANJA

Cebolla Fuentes de Ebro (DPO)

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1147/2013**

**tal-14 ta' Novembru 2013**

**li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1121/2009 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 rigward tal-iskema ta' pagament uniku skont l-erja għall-bdiewa f'Ċipru**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 142(e) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 124(1) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 jistipula r-regoli li jiffissaw l-erja agrikola tal-Istati Membri l-ġodda taħt l-iskema ta' pagament uniku pprovduta fl-Artikolu 122 ta' dak ir-Regolament.

(2) F'konformità mal-Artikolu 89 tar-Regolament (KE) Nru 1121/2009 ([2]), l-erja agrikola għal Ċipru hija stipulata fl-Anness VIII ta' dak ir-Regolament.

(3) Permezz tal-ittra tal-13 ta' Awwissu 2013, Ċipru għarraf lill-Kummissjoni li għamel reviżjoni tal-erja agrikola utilizzata li hija eliġibbli għall-iskema ta' pagament uniku skont l-erja, kif jissemma fl-Artikolu 124(1) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009. Ir-reviżjoni tqis il-fatt li bosta produtturi abbandunaw l-art ikkultivata tagħhom f'dawn l-aħħar snin, wara kondizzjonijiet tat-temp mhux tas-soltu fis-snin 2006-2009 li mmanifestaw ruħhom b'nixfiet u nuqqasijiet sinifikanti tal-provvista tal-ilma għas-sistemi ta' irrigazzjoni, u dan kellu impatt qawwi fuq l-integrità tan-netwerk ta' digi f'Ċipru. Għalhekk, l-erja totali li għalihom jintalab pagament uniku skont l-erja ilha tonqos sa mill-2007, li juri n-natura permanenti ta' tali abbandun tal-art u jiġġustifika reviżjoni tal-erja agrikola utilizzata. Barra minn hekk, ir-reviżjoni ssegwi mill-esperjenza miksuba f'dawn l-aħħar snin mill-verifika tal-kondizzjonijiet ta' eliġibilità għall-pagament uniku skont l-erja skont l-iskema tal-pagament uniku skont l-erja, li wasslet għal aġġornament tas-sistema ta' identifikazzjoni għall-ħbula tar-raba' agrikoli msemmija fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, u li minnha rriżulta li l-erja agrikola utilizzata miżmuma f'kondizzjoni agrikola tajba fit-30 ta' Ġunju 2003 kienet inqas milli ġie stmat qabel. L-erja agrikola għall-iskema ta' pagament uniku skont l-erja għalhekk għandha tonqos għal 127 000 ettaru.

(4) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 1121/2009 għandu jiġi emendat skont dan.

(5) L-emenda proposta b'dan ir-Regolament għandha tapplika għall-applikazzjonijiet għall-għajnuna mis-sena kalendarja 2013.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Pagamenti Diretti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fl-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 1121/2009, ir-ringiela li tikkonċerna lil Ċipru tinbidel b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "Ċipru | 127" |

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika għall-applikazzjonijiet għall-għajnuna minn sena kalendarja 2013.

([1]) ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16.
([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1121/2009 tad-29 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 fir-rigward tal-iskemi ta' appoġġ għal bdiewa previsti fit-Titoli IV u V tiegħu (ĠU L 316, 2.12.2009, p. 27).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Novembru 2013.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1148/2013

## tal-14 ta' Novembru 2013

## li jħassar ir-reġistrazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Wernesgrüner Bier (IĠP)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u partikolarment l-Artikolu 54(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 ħassar u ssostitwixxa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ([2]).

(2) Il-Ġermanja ressqet talba biex titħassar ir-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni "Wernesgrüner Bier", skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, sostitwit bl-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

(3) Skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, it-talba tal-Ġermanja biex id-denominazzjoni "Wernesgrüner Bier" titħassar mir-reġistru ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]).

(4) Billi ma ġiet innotifikata l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, ir-reġistrazzjoni ta' din id-denominazzjoni għandha għalhekk titħassar.

(5) Fid-dawl ta' dawn il-fatturi, id-denominazzjoni għalhekk għandha titneħħa mir-Reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni dwar il-Kwalità tal-prodotti agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni mogħtija fl-Anness għal dan ir-Regolament għandha titħassar.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Novembru 2013.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
([3]) ĠU C 322, 24.10.2012, p. 13.

*ANNESS*

Prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel elenkati fil-punt I tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012:

**Klassi 2.1. Birer**

IL-ĠERMANJA

Wernesgrüner Bier (IĠP)

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1149/2013

## tal-14 ta' Novembru 2013

## li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Rillettes de Tours (IĠP)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u partikolarment l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 ħassar u ssostitwixxa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ([2]).

(2) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, l-applikazzjoni ta' Franza biex id-denominazzjoni "Rillettes de Tours" tiddaħħal fir-reġistru ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]).

(3) Il-Kummissjoni ġiet innotifikata b'dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni, skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, mill-Pajjiżi l-Baxxi, immotivata skont l-Artikolu 7(3)(a) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006.

(4) Skont l-Artikolu 51(3) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni, b'ittra tat-12 ta' Frar 2013, ikkomunikat l-oġġezzjoni msemmija lill-awtoritajiet ta' Franza, u b'dan fetħet il-perjodu xieraq ta' konsultazzjoni ta' tliet xhur.

(5) Ġaladarba ntlaħaq ftehim f'dak il-perjodu, id-denominazzjoni "Rillettes de Tours" għandha tiddaħħal fir-reġistru.

(6) It-tagħrif ippubblikat skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 ġie soġġett għal tibdiliet mhux sostanzjali. Effettivament, sabiex jitqiesu l-kummenti mill-Pajjiżi l-Baxxi fir-rigward tal-kriterji stipulati fit-Taqsima 3.3 tad-Dokument Uniku dwar l-oriġini tal-ħnieżer użati, l-awtoritajiet ta' Franza ħassru l-paragrafi li kienu jirrigwardaw l-oriġini ġenetika tal-ħnieżer, kemm mill-Ispeċifikazzjoni u kemm mid-Dokument Uniku. Għaldaqstant, jeħtieġ li l-verżjoni emendata tiġi ppubblikata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness I ta' dan ir-Regolament hija b'dan irreġistrata.

*Artikolu 2*

Id-Dokument Uniku kkonsolidat, li jinkludi l-elementi ewlenin tal-Ispeċifikazzjoni, jinsab fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Novembru 2013.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

---

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
([3]) ĠU C 183, 23.6.2012, p. 16.

*ANNESS I*

Prodotti agrikoli maħsuba għall-konsum uman elenkati fl-Anness I tat-Trattat:

**Klassi 1.2. Prodotti tal-laħam (imsajrin, immellħin, affumikati, eċċ.)**

FRANZA

Rillettes de Tours (IĠP)

*ANNESS II*

*Dokument uniku kkonsolidat*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ([1])

**"RILLETTES DE TOURS"**

Nru tal-KE: FR-PGI-0005-00845-18.1.2011

**IĠP (X) DPO ( )**

1. **Isem**

"Rillettes de Tours"

2. **Stat Membru jew pajjiż terz**

Franza

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel**

3.1. *Tip ta' prodott*

Klassi 1.2. Prodotti tal-laħam (imsajrin, immellħin, affumikati, eċċ.)

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem mogħti fil-punt 1*

Dan huwa prodott tal-majjal imsajjar, li jista' jiddellek u li jiġi ppreżentat f'kontenitur, f'forma ta' terrina, f'kontenituri tal-ħġieġ ssiġġillati ermetikament jew fuq il-ħobż. Meta jkun f'kontenitur jew f'forma ta' terrina, il-prodott jista' jkun mgħotti b'saff ta' xaħam tal-majjal biex b'hekk ikun jista' jiġi kkonservat aħjar.

Ir-"Rillettes de Tours" jiġu prodotti billi jissajru bil-mod, f'borma fix-xaħam tal-majjal, il-biċċiet tal-laħam tal-ħnieżer femminili jew maskili (b'daqs minimu ta' 6 × 6 cm). Dan il-laħam jista' jiġi aromatizzat bi nbid abjad jew bi nbid tal-għeneb distillat. Tul it-tħejjija, jiżdied il-melħ (mingħajr nitriti) u jista' jiżdiedu wkoll il-bżar, il-kolorant E150 jew is-sustanza aromatika Patrelle.

Ir-"Rillettes de Tours" għandhom kulur li jvarja bejn isfar dehbi (Pantone 142 U) u kannella dehbi (Pantone 161 U).

Ir-"Rillettes" għandhom konsistenza mħollija, u fihom fibri tal-laħam imħarbta, viżibbli b'mod ċar (b'daqs ikbar minn 2 cm), kif ukoll biċċiet tal-laħam.

Il-kontenut ta' umdità tal-prodott mingħajr xaħam għandu jkun inqas minn jew ugwali għal 68 %, perċentwal li jagħtih konsistenza xotta.

Ir-"Rillettes de Tours" għandhom ukoll togħma ta' laħam ftit moqli.

Il-prodott aħħari jissodisfa r-rekwiżiti fiżikokimiċi f'dak li jirrigwarda l-livell tal-lipidi: ≤ 42 % (68 % tal-prodott mhux imsajjar), il-kontenut totali ta' zokkor li jinħall: < 0,5 % (68 % tal-prodott mhux imsajjar), u l-proporzjon ta' kollaġen/protidi: ≤ 19 %.

3.3. *Materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)*

Il-ħnieżer nisa għandu jkollhom perjodu ta' mistrieħ ta' mill-inqas 15-il jum bejn il-fatma u l-qatla. L-età minima tal-qatla hija ta' 172 jum, u huwa obbligatorju li ma jingħatax ikel minn 12-il siegħa qabel ma jittieħdu għall-qatla. Il-piż minimu fis-sħana għall-karkassi tal-ħanżir huwa 85 kg. Dawn il-punti huma maħsuba sabiex itejbu l-kwalità tat-togħma tal-laħam.

Il-biċċiet tal-perżut u l-flett (esklussivament biċċiet mill-ġnub) għandu jkollhom mill-inqas 25 % laħam dgħif, biex b'hekk titjieb il-kwalità tal-prodott aħħari. Il-laħmijiet l-oħrajn ġejjin mill-ispalla, mill-għonq (bejn l-ewwel u l-ħames kustilji tal-ġenb), u miż-żaqq (minbarra l-bżieżel).

Sabiex jittejbu l-iġjene u t-togħma tal-prodott, dan għandu jiġi prodott minn laħam frisk. Il-laħmijiet friski għandhom jirrappreżentaw mill-inqas 75 % tal-laħam totali użat fil-proċess ta' produzzjoni. Il-laħam iffriżat għandu jkun ilu jinħażen mill-produttur tar-"rillettes" għal mhux aktar minn xahar, f'temperatura ta' – 18 °C. Ix-xiri ta' laħam iffriżat huwa projbit.

L-inbejjed li jistgħu jintużaw waqt il-produzzjoni għandhom ikunu nbejjed bojod magħmula mill-varjetà ta' għenba Chenin. Din il-varjetà hija kkaratterizzata mill-fatt li hija xotta u delikata.

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12. Sostitwit bir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1).

L-inbid iżomm ftit grammi ta' zokkor residwu, li jagħtih togħma sekondarja ħelwa, b'kuntrast mat-togħma mielħa tar-"Rillettes de Tours". L-għenba Chenin għandha karattru aromatiku minerali u kalkarju li jibbilanċja l-karattru affumikat u mielaħ tar-"Rillettes de Tours". Barra minn hekk, il-freskezza, l-aċidità u l-aroma tal-frott joħolqu bilanċ max-xaħam tar-"rillettes" u jisiltu t-togħmiet tiegħu.

L-użu tal-inbid tal-għeneb iddistillat huwa b'għażla tal-produttur.

Ma hemm l-ebda limitazzjoni ġeografika għall-oriġini tal-inbejjed u tal-inbid tal-għeneb iddistillat.

3.4. *Għalf għall-annimali (għall-prodotti li ġejjin mill-annimali biss)*

—

3.5. *Stadji speċifiċi tal-produzzjoni li għandhom jitwettqu fiż-żona ġeografika ddefinita*

L-istadji li ġejjin fil-produzzjoni tar-"Rillettes de Tours" għandhom isiru fiż-żona ġeografika ddefinita fil-punt 4: it-tħejjija tal-laħmijiet, l-ewwel qali, it-tisjir, perjodu biex jitħallew joqogħdu, u t-tisjir finali.

3.6. *Regoli speċifiċi għat-tqattigħ, għall-ħakk, għall-ippakkjar, eċċ.*

—

3.7. *Regoli speċifiċi għat-tikkettar*

L-isem tal-IĠP "Rillettes de Tours" għandu jidher fuq it-tikketta.

It-tikketta, minbarra l-kliem previst mil-liġi, għandha tinkludi l-elementi li ġejjin:

(1) il-marka kummerċjali;

(2) il-logo tal-IĠP tal-Unjoni Ewropea;

(3) l-isem u d-dettalji ta' kuntatt ta' destinatarju fil-każ ta' lment.

4. **Definizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika**

Iż-żona ġeografika tal-produzzjoni u l-ippakkjar inizjali tar-"Rillettes de Tours" hija ddelimitata kif ġej:

— iż-żona, bil-belt ta' Tours fin-nofs, li tikkorrispondi għaż-żona ta' distribuzzjoni tar-riċetta tar-"Rillettes de Tours". Lil hinn mil-limiti ta' din iż-żona ġeografika, ir-riċetta tar-"rillettes" ma tibqax l-istess. Ta' minn tissemma wkoll il-fruntiera naturali tal-Foresta ta' Bercé, bejn ix-xmara Sarthe u Indre-et-Loire,

— b'hekk, iż-żona ġeografika ddefinita hija simili għal dik tal-provinċja antika ta' Touraine.

Iż-żona ġeografika hija magħmula mid-dipartiment ta' Indre-et-Loire (37) u l-cantons li jinsabu fid-dipartimenti ġirien, għajr dawk f'Sarthe (72).

5. **Rabta maż-żona ġeografika**

Ir-rabta maż-żona ġeografika hija msejsa fuq kwalitajiet speċifiċi tar-"Rillettes de Tours", li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' għarfien tradizzjonali li baqa' lokalizzat fir-reġjun ta' Touraine. Dan l-għarfien espert u l-kwalitajiet speċifiċi tal-prodott jagħtuh reputazzjoni li, f'għajnejn il-konsumatur, hija marbuta mill-qrib maż-żona ġeografika.

5.1. *Speċifiċità taż-żona ġeografika*

Fatturi klimatiċi

Touraine hija karatterizzata minn klima moderata iżda relattivament umda, li ma ppermettietx li dan il-post jiżviluppa prodotti tal-majjal xotti hekk kif wieħed isib fin-nofsinhar ta' Franza. Huwa minħabba l-klima lokali li r-"rillettes" jiġu ppreżervati permezz tat-tisjir. Min-naħa l-oħra, din il-klima tiffavorixxi d-dwieli, u l-kwantità kbira ta' nbejjed prodotti fiż-żona influwenzaw ukoll l-għoti ta' togħma lir-"Rillettes de Tours".

Fatturi umani

Il-bdiewa tar-reġjun ta' Tours bdew jagħmlu r-"rillettes" fil-Medjuevu. Sa tmiem is-seklu 18, din il-produzzjoni kienet lokalizzata mill-qrib fiż-żona rurali ta' madwar Tours, kif ukoll f'ċerti rziezet ta' Maine.

Fil-bidu tas-seklu 19, il-biċċiera artiġjanali lokali reġgħu ħadu f'idejhom din ir-riċetta tal-bdiewa, adattawha għall-għarfien tagħhom, u bdew jgħadduha minn ġenerazzjoni għall-oħra. B'hekk, ir-"rillettes" ta' Touraine saru magħrufa bħala r-"Rillettes de Tours".

Fost l-iżviluppi ewlenin fil-produzzjoni tar-"rillettes", ma baqgħux jintużaw il-fdalijiet tal-laħam, iżda bdew jintużaw minflokhom biċċiet tal-laħam proprja. L-iżvilupp ta' tekniki ġodda ta' preżervazzjoni, u t-tisjir bil-għatu maqlugħ sabiex il-prodott ikollu konsistenza pjuttost xotta, naqqsu l-ammont ta' xaħam u żiedu l-proporzjon ta' laħam fir-"rillettes", biex b'hekk ħolqu prodott ta' kwalità ogħla. Huwa dan l-għarfien tipiku tal-belt ta' Tours u tar-reġjun ta' Touraine li mbagħad ġie żviluppat mill-biċċiera artiġjanali. Kien biss fl-1865 li dan il-platt deher f'ċerti pubblikazzjonijiet tal-professjoni.

Fatturi ekonomiċi

L-industrija qatt ma żviluppat wisq fir-reġjun ta' Touraine. Għaldaqstant, l-iżvilupp tas-settur tal-produzzjoni tal-laħam kien wieħed kajman (minn dejjem kien fuq skala żgħira ħafna), u l-istess jgħodd għall-kummerċjalizzazzjoni tar-"Rillettes de Tours". B'hekk ġie mħares il-karattru artiġjanali tal-prodott.

Sal-lum il-ġurnata, ir-"Rillettes de Tours" għadhom jinstabu għand il-biċċiera artiġjanali, li jgħaddu r-riċetta tradizzjonali tagħhom lill-apprendisti.

5.2. *Speċifiċità tal-prodott*

Ir-"Rillettes de Tours" jissajru f'borma bil-għatu kważi maqlugħ għalkollox. Il-proċess ta' tisjir huwa twil, u tradizzjonalment jikkonsisti fi tliet fażijiet: l-ewwel qali tal-laħam (minn 15-il minuta sa siegħa f'temperatura ta' bejn 95 °C u 115 °C), imbagħad fażi ta' tisjir bil-mod (minn 5 sigħat u nofs sa 12-il siegħa f'temperatura ta' bejn 65 °C u 95 °C), u fl-aħħar, fażi ta' tisjir qasira u bis-saħħa (minn 10 sa 20 minuta f'temperatura ta' bejn 95 °C u 115 °C).

L-ewwel qali tal-biċċiet tal-laħam dgħif fil-bidu tat-tisjir, u l-fażi twila tat-tisjir bil-għatu maqlugħ, it-tnejn li huma prattiki speċifiċi għar-"Rillettes de Tours", mhux biss iqabbdu d-deidratazzjoni tal-prodott, iżda jwasslu wkoll għall-produzzjoni ta' sustanzi li huma importanti għat-togħma u għall-aroma, speċifikament marbutin mar-reazzjonijiet kimiċi ta' Maillard, u li huma karatteristiċi tat-togħma tal-laħam ftit moqli.

It-tisjir bil-mod tal-biċċiet tal-laħam fix-xaħam tagħhom stess jippermetti l-produzzjoni ta' prodott imsejjaħ "confit". Is-separazzjoni tal-biċċiet tal-laħam issir biss permezz tat-tisjir, mingħajr ma jinqatgħu jew jitħabbtu. Għalhekk il-prodott iżomm il-fibri twal tal-laħam.

Fl-aħħar nett, il-konsistenza xotta tar-"Rillettes de Tours", li oriġinalment ġiet żviluppata sabiex tiżgura l-preżervazzjoni tagħhom, tinħoloq permezz ta' din il-proċedura tradizzjonali ta' tisjir, fejn il-borma li tintuża għat-tisjir bil-għatu maqlugħ toffri superfiċje wiesgħa għall-evaporazzjoni. L-għan tal-istadju finali ta' tisjir bis-saħħa minn dejjem kien li jżid l-evaporazzjoni fl-aħħar tal-proċess.

5.3. *Rabta kawżali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott (għad-DPO), jew il-kwalità speċifika, ir-reputazzjoni jew il-karatteristiċi l-oħra tal-prodott (għall-IĠP)*

Ir-rabta maż-żona ġeografika tissejjes fuq l-għarfien espert tradizzjonali lokalizzat fir-reġjun ta' Touraine, li wassal għall-kwalitajiet speċifiċi tar-"Rillettes de Tours" kif ukoll għar-reputazzjoni tagħhom, marbuta mill-qrib maż-żona f'għajnejn il-konsumaturi.

Għarfien espert

Il-livelli baxxi ta' umdità, li għall-ewwel kienu jiffavorixxu l-preżervazzjoni tar-"Rillettes de Tours" f'dan ir-reġjun ta' klima umda, aktar 'il quddiem ippermettew l-iżvilupp tal-kummerċjalizzazzjoni tagħhom barra minn Touraine. Dan jispjega b'mod partikolari r-reputazzjoni tal-prodott, li għandu konsistenza aktar xotta mir-"rillettes" prodotti fir-reġjuni ġirien.

Raġuni oħra għala r-"Rillettes de Tours" żammew il-konsistenza xotta tagħhom tul is-snin hija li l-produtturi, il-biċċa l-kbira minnhom azjendi żgħar u artiġjanali, iħarsu inqas lejn ir-rati ta' produzzjoni milli jagħmlu dawk ta' tipi oħra ta' "rillettes". Ir-rata ta' produzzjoni hija inqas minn 80 %, inferjuri ħafna għal tal-maġġoranza tal-produtturi.

Il-livell baxx ta' umdità tar-"Rillettes de Tours" jippermetti li jiġu prodotti mingħajr l-użu ta' preżervattivi, minkejja l-fatt li dawn jistgħu jintużaw legalment.

Minħabba l-kuntest artiġjanali tal-prodott, u l-fatt li l-għarfien marbut miegħu essenzjalment jgħaddi mingħand l-imgħallem għal għand l-apprendist, dan l-għarfien baqa' lokalizzat ħafna fir-reġjun ta' Touraine. Fil-fatt, is-sistema tal-apprendistat fis-sengħa artiġjanali topera fuq livell lokali, f'dipartiment wieħed jew fiż-żona fil-madwar.

Iż-żamma ta' rabta qawwija maż-żona ġeografika hija kkonfermata mill-fatt li 90 % tar-rebbieħa tal-premju fil-kompetizzjoni tar-"Rillettes de Tours" ġejjin minn din iż-żona.

Reputazzjoni

Il-karatteristiċi speċifiċi tar-"Rillettes de Tours" ippermettewlhom jistabbilixxu sew ir-reputazzjoni tagħhom. Dawn huma l-ewwel "rillettes" artiġjanali li faħħar Balzac, li kien minn Tours, fir-rumanz tiegħu tal-1835, *Le Lys dans la Vallée (Il-Ġilju tal-Wied)*.

Sa mill-bidu tas-seklu 20, ir-"Rillettes de Tours" gawdew minn ċerta popolarità fuq livell nazzjonali. Fl-1933, Curnonsky, fix-xogħol tiegħu *Les trésors gastronomiques de la France (It-Teżori Gastronomiċi ta' Franza)*, isemmi: "il-prodotti tal-majjal f'Touraine akkwistaw fama universali u leġittima: ir-"Rillettes de Tours" saru magħrufa mad-dinja kollha."

Kull sena f'Touraine tiġi organizzata kompetizzjoni għall-aħjar "Rillettes de Tours". Dan il-premju huwa mfittex ħafna, u tletin biċċier artiġjanali jikkompetu għalih kull sena. Fl-2011, il-*Concours Général Agricole* (*Fiera Ġenerali tal-Agrikultura*) ta' Pariġi onora r-reputazzjoni tal-prodott billi fetaħ taqsima speċjali għar-"Rillettes de Tours".

**Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni**

[L-Artikolu 5(7) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006]

https://www.inao.gouv.fr/fichier/CDCIGPRillettesdeToursV2.pdf

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1150/2013

## tal-14 ta' Novembru 2013

## li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva żejt tal-kolza

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(2)(c) u 78(2) tiegħu,

Billi:

(1) Is-sustanza attiva żejt tal-kolza kienet inkluża fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([2]) bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/127/KE ([3]) f'konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 24b tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2229/2004 ([4]). Mindu d-Direttiva Nru 91/414/KEE nbidlet bir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, din is-sustanza qed titqies li ġiet approvata skont dak ir-Regolament u hija elenkata fil-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ([5]).

(2) F'konformità mal-Artikolu 25a tar-Regolament (KE) Nru 2229/2004, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Awtorità", ippreżentat lill-Kummissjoni l-opinjoni tagħha dwar l-abbozz tar-rapport ta' reviżjoni għaż-żejt tal-kolza ([6]) fit-18 ta' Diċembru 2012. L-Awtorità wasslet l-opinjoni tagħha dwar iż-żejt tal-kolza lin-notifikatur. Il-Kummissjoni stednitha tressaq il-kummenti tagħha dwar l-abbozz tar-rapport ta' reviżjoni dwar iż-żejt tal-kolza. Saret reviżjoni tal-abbozz tar-rapport ta' reviżjoni u tal-opinjoni tal-Awtorità mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u fis-3 ta' Ottubru 2013 ġew iffinalizzati fil-format ta' rapport ta' reviżjoni tal-Kummissjoni għaż-żejt tal-kolza.

(3) Huwa kkonfermat li s-sustanza attiva żejt tal-kolza għandha titqies bħala approvata skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

(4) F'konformità mal-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 flimkien mal-Artikolu 6 tiegħu u fid-dawl tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali, jinħtieġ li jiġu emendati l-kundizzjonijiet tal-approvazzjoni taż-żejt tal-kolza fir-rigward tal-kwantità massima ta' impurità tossikoloġikament rilevanti fl-aċidu eruċiku.

(5) L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 għandu għalhekk jiġi emendat kif xieraq.

(6) L-Istati Membri għandhom jingħataw iż-żmien biex jemendaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom iż-żejt tal-kolza.

(7) Għandu jitħalla perjodu raġonevoli ta' żmien qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament sabiex l-Istati Membri, in-notifikaturi u d-detenturi tal-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom iż-żejt tal-kolza jkunu jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-emenda fil-kundizzjonijiet tal-approvazzjoni.

(8) Meta l-Istati Membri jagħtu xi perjodu ta' grazzja f'konformità mal-Artikolu 46 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom iż-żejt tal-kolza, dan il-perjodu għandu jiskadi sa mhux aktar tard minn tmintax-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament.

(9) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

([1]) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.

([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1)

([3]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/127/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE għall-inklużjoni ta' bosta sustanzi attivi (ĠU L 344, 20.12.2008, p. 89).

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2229/2004 tat-3 ta' Diċembru 2004 li jistabbilixxi aktar regoli fid-dettall għall-implimentazzjoni tar-raba' stadju tal-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 379, 24.12.2004, p. 13).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).

([6]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Il-konklużjoni dwar r-reviżjoni bejn il-pari tal-valutazzjoni tar-riskju tal-pestiċidi tas-sustanza attiva żejt tal-pjanti/żejt tal-kolza. *The EFSA Journal* 2013; 11(1)3058. [45 pp.]. doi:10.2903/j.efsa.2013.3058. Jinsab onlajn: www.efsa.europa.eu/efsajournal

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emenda tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011**

Il-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 hija emendata f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

**Miżuri tranżizzjonali**

F'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, l-Istati Membri għandhom, fejn meħtieġ, jemendaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet eżistenti għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom iż-żejt tal-kolza bħala sustanza attiva sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2014.

*Artikolu 3*

**Perjodu ta' Grazzja**

Kwalunkwe perjodu ta' grazzja mogħti mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 46 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 għandu jkun qasir kemm jista' jkun u għandu jiskadi sa mhux iktar tard mit-30 ta' Settembru 2015.

*Artikolu 4*

**Dħul fis-Seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' April 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Novembru 2013.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS*

Fil-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011, ir-ringiela 242 dwar is-sustanza attiva żejt tal-kolza għandha tinbidel b'dan li ġej:

| Numru | Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni | Isem tal-IUPAC | Purità | Data tal-approvazzjoni | Skadenza tal-approvazzjoni | Dispożizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "242 | Żjut tal-pjanti/żejt tal-kolza<br>Nru tas-CAS: 8002-13-9<br>Nru tas-CIPAC: mhux assen-jat | Żejt tal-kolza | Iż-żejt tal-kolza huwa taħlita kumplessa ta' aċidi grassi<br>Impurità rilevanti: Massimu ta' 2 % ta' aċidu eruċiku | fl-1 ta' Settembru 2009 | fil-31 ta' Awwissu 2019 | PARTI A<br>Jistgħu jiġu awtorizzati l-użi bħala insettiċidi u akariċidi biss.<br>PARTI B<br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar iż-żejt tal-kolza (SANCO/2623/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-3 ta' Ottubru 2013.<br>Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu, fejn xieraq, miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju." |

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1151/2013**

**tal-14 ta' Novembru 2013**

**li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS unika) [1],

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati [2] u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Novembru 2013.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Jerzy PLEWA
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | AL | 49,7 |
| | MA | 41,6 |
| | MK | 20,6 |
| | ZZ | 37,3 |
| 0707 00 05 | AL | 39,5 |
| | MK | 56,9 |
| | TR | 129,3 |
| | ZZ | 75,2 |
| 0709 93 10 | MA | 81,5 |
| | TR | 146,1 |
| | ZZ | 113,8 |
| 0805 20 10 | MA | 65,4 |
| | ZA | 148,2 |
| | ZZ | 106,8 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | SZ | 56,1 |
| | TR | 69,1 |
| | ZA | 157,1 |
| | ZZ | 94,1 |
| 0805 50 10 | TR | 79,7 |
| | ZA | 74,0 |
| | ZZ | 76,9 |
| 0806 10 10 | BR | 248,9 |
| | LB | 239,8 |
| | PE | 322,3 |
| | TR | 167,3 |
| | US | 331,3 |
| | ZZ | 261,9 |
| 0808 10 80 | MK | 32,3 |
| | NZ | 93,9 |
| | US | 129,3 |
| | ZA | 187,0 |
| | ZZ | 110,6 |
| 0808 30 90 | CN | 56,2 |
| | TR | 112,1 |
| | ZZ | 84,2 |

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ EUCAP SAHEL NIGER/2/2013

## tat-12 ta' Novembru 2013

## dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger)

(2013/656/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/392/PESK tas-16 ta' Lulju 2012 dwar il-Missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni 2012/392/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà huwa awtorizzat, skont l-Artikolu 38 tat-Trattat, jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti sabiex jeżerċita l-kontroll politiku u t-tmexxija strateġika tal-Missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger), inkluża b'mod partikolari d-deċiżjoni li jinħatar Kap tal-Missjoni.

(2) Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà pproponiet il-ħatra tas-Sur Filip DE CEUNINCK bħala l-Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Sahel Niger, *ad interim*, għall-perijodu mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Diċembru 2013,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sur Filip DE CEUNINCK huwa b'dan maħtur Kap tal-Missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger), *ad interim*, għall-perijodu mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Diċembru 2013.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Novembru 2013.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Novembru 2013.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

W. STEVENS

---

[1] ĠU L 187, 17.7.2012, p. 48.

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-12 ta' Novembru 2013

## rigward ċerti miżuri ta' salvagwardja b'rabta mal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja ħafna tas-sottotip H5N1 li għandhom jiġu applikati fil-każ ta' tifqigħa ta' din il-marda fl-Isvizzera u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2009/494/KE

*(notifikata bid-dokument C(2013) 7505)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2013/657/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-kontrolli veterinarji fuq l-annimali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi u li temenda d-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 18(1) u (7) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi ([2]), u b'mod partikulari l-Artikolu 22(1) u (6) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/265/KE ([3]) u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/533/KE ([4]) ġew adottati wara sejbiet pożittivi tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N1 f'għasafar slavaġ fil-Kroazja u fl-Isvizzera. Dawk id-Deċiżjonijiet stipulaw li l-Istati Membri riedu jissospendu l-importazzjonijiet minn ċerti partijiet tal-Kroazja u l-Isvizzera ta' tajr ħaj, ratiti, tjur tal-priża tal-irziezet jew selvaġġi u ċerti għasafar ħajjin oħra inklużi għasafar bħala annimali domestiċi u bajd għat-tfaqqis ta' dawk l-ispeċi, kif ukoll ta' ċerti prodotti ta' għasafar.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/415/KE ([5]) tistipula ċerti miżuri ta' bijosigurtà u ta' restrizzjoni biex tipprevjeni t-tixrid ta' din il-marda, inkluż li jiġu stabbiliti żona A u żona B wara suspett jew konferma ta' tifqigħa tal-marda fit-tjur.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/563/KE ([6]) tistipola ċerti miżuri ta' ħarsien biex dik il-marda ma titħalliex tinxtered mill-għasafar selvaġġi għat-tjur inkluż, fuq il-bażi ta' valutazzjoni tar-riskju, li jiġu stabbiliti żoni ta' kontroll u monitoraġġ filwaqt li jitqiesu l-fatturi epidemjoloġiċi, ġeografiċi u ekoloġiċi wara suspett jew konferma ta' sejba pożittiva ta' dik il-marda fl-għasafar selvaġġi.

(4) Il-miżuri ta' salvagwardja stipulati f'id-Deċiżjonijiet 2006/265/KE u 2006/533/KE skadew fit-30 ta' Ġunju 2007. Madankollu, fid-dawl tal-qagħda epidemjoloġika fir-rigward tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N1 fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi, il-miżuri ta' salvagwardja stipulati f'dawk id-Deċiżjonijiet ġew inklużi fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/555/KE ([7]). Id-Deċiżjoni 2008/555/KE ġiet sostitwita bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/494/KE ([8]), li tapplika sal-31 ta' Diċembru 2013.

(5) Fid-dawl l-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2013, il-miżuri previsti fid-Deċiżjoni 2009/494/KE ma jibqgħux japplikaw aktar għal dak l-Istat Membru. Madankollu, fid-dawl tas-sitwazzjoni epidemjoloġika fir-rigward tar-riskji li jistgħu jinħolqu minħabba l-virus tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N1, huwa xieraq li jinżammu l-miżuri ta' salvagwardja fir-rigward tal-Isvizzera sal-31 ta' Diċembru 2015.

(6) L-Isvizzera nnotifikat lill-Kummissjoni li l-awtoritajiet kompetenti ta' dak il-pajjiż terz qed japplikaw miżuri ta' salvagwardja li huma ekwivalenti għal dawk applikati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, kif stipulat mid-Deċiżjonijiet 2006/415/KE u 2006/563/KE, meta tkun issuspettata jew ikkonfermata influwenza tat-tjur

([1]) ĠU L 268, 24.9.1991, p. 56.

([2]) ĠU L 24, 30.1.1998, p. 9.

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/265/KE tal-31 ta' Marzu 2006 dwar ċerti miżuri ta' ħarsien li għandhom x'jaqsmu ma' suspett ta' influwenza tat-tjur ta' patoġeniċità għolja fl-Iżvizzera (ĠU L 95, 4.4.2006, p. 9).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/533/KE tat-28 ta' Lulju 2006 li tirrigwarda ċerti miżuri [temporanji] ta' ħarsien marbuta mal-influwenza tat-tjur li għandha patoġeniċità għolja fil-Kroazja (ĠU L 212, 2.8.2006, p. 19).

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/415/KE tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar ċerti miżuri ta' protezzjoni fir-rigward tal-influwenza tat-tjur tas-sottotip H5N1 ta' patoġeniċità għolja ħafna fit-tjur tal-Komunità (ĠU L 164, 16.6.2006, p. 51).

([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/563/KE tal-11 ta' Awwissu 2006 dwar ċerti miżuri ta' ħarsien b'rabta mal-influwenza tat-tjur patoġenika ħafna tas-sottotip H5N1 fi tjur slavaġ fil-Komunità (ĠU L 222, 15.8.2006, p. 11).

([7]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/555/KE tas-26 ta' Ġunju 2008 li tikkonċerna ċerti miżuri ta' ħarsien marbuta mal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N1 fil-Kroazja u l-Iżvizzera (ĠU L 179, 8.7.2008, p. 14).

([8]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/494/KE tal-25 ta' Ġunju 2009 li tikkonċerna ċerti miżuri ta' ħarsien marbuta mal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N1 fil-Kroazja u l-Iżvizzera (ĠU L 166, 27.6.2009, p. 74).

b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N1 fi tjur jew għasafar selvaġġi u li se tinnotifika mill-ewwel lill-Kummissjoni bi kwalunkwe bidliet futuri fl-istat tas-saħħa tal-annimali tagħha, inkluż b'mod speċifiku kwalunkwe tifqigħa jew sejba pożittiva ta' dik il-marda fi tjur jew għasafar selvaġġi. Għandu jittieħed inkunsiderazzjoni wkoll il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera fil-kummerċ tal-prodotti agrikoli ([1]).

(7) Il-Kummissjoni għandha tinforma minnufih lill-Istati Membri u tgħaddilhom kwalunkwe tagħrif bħal dan li jkun waslilha mingħand l-awtoritajiet kompetenti tal-Isvizzera.

(8) Fid-dawl tal-garanziji li waslu mingħand l-Isvizzera, huwa xieraq li f'każ ta' sejba pożittiva ta' influwenza tat-tjur tas-sottotip H5N1 f'xi għasfur selvaġġ jew ta' xi tifqigħa ta' dik il-marda fi tjur fit-territorju tal-Isvizzera, il-miżuri ta' ħarsien li jikkonċernaw dak il-pajjiż jiġu applikati biss f'dawk il-partijiet tal-Isvizzera fejn l-awtorità kompetenti ta' dak il-pajjiż tapplika miżuri ta' salvagwardja ekwivalenti kif stipulat fid-Deċiżjonijiet 2006/415/KE u 2006/563/KE.

(9) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE ([2]) tistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni ta' prodotti tal-laħam u stonkijiet trattati, il-bżieżaq tal-awrina u l-imsaren trattati, u tistabbilixxi sistemi ta' trattament li huma kkunsidrati effettivi fl-inattivar tal-patoġeni rispettivi. Bħala prevenzjoni tar-riskju tat-trażmissjoni tal-marda minn prodotti bħal dawn, jeħtieġ li jiġi applikat trattament adegwat skont l-istatus ta' saħħa tal-pajjiż tal-oriġini u l-ispeċi li minnha jinkisbu l-prodotti. Huwa għalhekk xieraq li tingħata deroga mid-dispożizzjoni li tissospendi l-importazzjoni tal-prodotti tal-laħam ta' tajr tal-priża selvaġġ li joriġinaw fl-Isvizzera, u dan kemm-il darba l-prodotti jkunu ġew ittrattati b'ċerti trattamenti speċifiċi stipulati fil-Parti 4 tal-Anness II għad-Deċiżjoni 2007/777/KE.

(10) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 ([3]) jistipula rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni, jew tranżitu, fl-Unjoni ta' tjur u ċerti prodotti tat-tjur. F'ġieħ iċ-ċarezza u l-konsistenza tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, huwa xieraq li għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni jittieħdu inkunsiderazzjoni d-definizzjonijiet ta' tjur u bajd għat-tfaqqis stipulati f'dak ir-Regolament.

(11) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 139/2013 ([4]) jistipula l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni ta' ċerti għasafar lejn l-Unjoni minn pajjiżi terzi u partijiet minnhom. F'ġieħ iċ-ċarezza u l-konsistenza tar-regoli tal-Unjoni, huwa xieraq li għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni tittieħed inkunsiderazzjoni d-definizzjoni ta' għasafar f'dak ir-Regolament.

(12) Fl-interess taċ-ċarezza u tas-semplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, huwa xieraq li d-Deċiżjoni 2009/494/KE tiġi mħassra u sostitwita b'din id-deċiżjoni.

(13) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. L-Istati Membri għandhom jissospendu l-importazzjoni fl-Unjoni miż-żoni kollha tat-territorju tal-Isvizzera li fil-każ tagħhom l-awtoritajiet kompetenti tal-Isvizzera formalment japplikaw miżuri ta' salvagwardja li huma ekwivalenti għal dawk stipulati fid-Deċiżjonijiet 2006/415/KE u 2006/563/KE tal-kommoditajiet segwenti:

(a) tajr, kif definit fl-Artikolu 2, punt 1 tar-Regolament (KE) Nru 798/2008;

(b) bajd għat-tfaqqis, kif imfisser fl-Artikolu 2, punt 2 tar-Regolament (KE) Nru 798/2008;

(c) għasafar, kif definit fil-punt (a) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 139/2013 u l-bajd għat-tfaqqis tagħhom;

(d) laħam, kapuljat, preparazzjonijiet tal-laħam, laħam separat mekkanikament ta' tajr tal-priża selvaġġ;

(e) prodotti tal-laħam magħmulin minn laħam tat-tajr tal-priża selvaġġ, jew li fihom minnu;

(f) ikel nej għall-annimali domestiċi u materjal mhux ipproċessat għall-għalf li fih kwalunkwe parti minn tajr tal-priża selvaġġ;

(g) trofej tal-kaċċa minn kwalunkwe għasfur, li mhumiex trattati.

2. B'deroga mill-paragrafu 1(e), l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni fl-Unjoni tal-prodotti tal-laħam li huma magħmula minn laħam tat-tjur selvaġġ tal-priża, jew li fihom minnu, bil-kundizzjoni li l-laħam ta' dawn l-ispeċi jkun għadda minn tal-inqas wieħed mit-trattamenti speċifiċi msemmija fil-punti B, C jew D fil-Parti 4 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE.

([1]) ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE tad-29 ta' Novembru 2007 li tistipula l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika kif ukoll il-mudelli taċ-ċertifikati għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-laħam u tal-istonku, il-bżieżaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati għall-konsum mill-bniedem minn pajjiżi terzi u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2005/432/KE (ĠU L 312, 30.11.2007, p. 49).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 tat-8 ta' Awwissu 2008 li jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kumpartimenti li minnhom jistgħu jiġu impurtati u jsir tranżitu ta' tjur u prodotti tat-tjur fil-Komunità u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja (ĠU L 226, 23.8.2008, p. 1).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 139/2013 tas-7 ta' Jannar 2013 li jistipula l-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni ta' ċerti għasafar fl-Unjoni u l-kondizzjonijiet ta' kwarantina tagħhom (ĠU L 47, 20.2.2013, p. 1).

*Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom, immedjatament malli jirċievu informazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-bidla fl-istatus ta' saħħet l-annimali tal-Isvizzera fir-rigward tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N1, jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw mal-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni u jippubblikaw dawk il-miżuri.

*Artikolu 3*

Id-Deċiżjoni 2009/494/KE hija mħassra.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2015.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Novembru 2013.

*Għall-Kummissjoni*

Tonio BORG

*Membru tal-Kummissjoni*

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

**tat-13 ta' Novembru 2013**

**dwar ir-rifjut ta' talba għar-reġistrazzjoni fir-reġistru tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti prevvist fir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Pomazánkové máslo (STG)]**

*(notifikata bid-dokument C(2013) 7615)*

**(It-test biċ-Ċek biss huwa awtentiku)**

(2013/658/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u partikolarment l-Artikolu 52, il-paragrafu 1 tiegħu,

Billi:

(1) B'konformità mal-Artikolu 50, il-Paragrafu 1, tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni temmet l-eżami tat-talba għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni "Pomazánkové máslo" bħala speċjalità tradizzjonali garantita, ippreżentata mir-Repubblika Ċeka u li waslet fit-22 ta' Diċembru 2010.

(2) Il-Kummissjoni infurmat lir-Repubblika Ċeka fid-data tal-1 ta' April 2011 li d-denominazzjoni "máslo" hija definita u soġġetta għall-kondizzjonijiet ta' użu skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 115 u l-Anness XV tal-istess Regolament, li jirrikjedi b'mod partikolari kontenut ta' xaħam fil-ħalib ugwali jew superjuri għal 80 % u inferjuri għal 90 %; id-deskrizzjoni tal-prodott "Pomazánkové máslo" ma tissodisfax dawn il-kondizzjonijiet. Wara rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ppreżentat mill-Kummissjoni fil-25 ta' Jannar 2011, il-Qorti tal-Ġustizzja inċidentalment ikkonfermat, fis-sentenza tagħha mogħtija fit-18 ta' Ottubru 2012 fil-kawża C-37/11, in-nuqqas ta' konformità tad-denominazzjoni "Pomazánkové máslo" fir-rigward tad-dispożizzjonijiet imsemmija tar-Regolament (KE) nru 1234/2007.

(3) L-Artikolu 2(3), tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 jistipola li "dan ir-Regolament għandu japplika mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet speċifiċi oħra tal-Unjoni marbutin mat-tqegħid ta' prodotti fis-suq, u b'mod partikulari għall-organizzazzjoni komuni tas-swieq unika"; f'dan ir-rigward, l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-isem "Pomazánkové máslo" bħala speċjalità tradizzjonali garantita ma jikkonfermax mar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, u b'mod partikolari l-Artikolu 115 u l-Anness XV tiegħu.

(4) Fid-dawl ta' dawn l-elementi, it-talba għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni "Pomazánkové máslo" għalhekk għandha tiġi rrifjutata.

(5) Il-miżura li hemm dispożizzjoni dwarha f'din id-Deċiżjoni hija skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-politika ta' kwalità tal-prodotti agrikoli,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

It-talba għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni "Pomazánkové máslo" ġiet irrifjutata.

*Artikolu 2*

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ċeka.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Novembru 2013.

*Għall-Kummissjoni*

Dacian CIOLOȘ

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

EUR-Lex (http://new.eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT